MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Numru 910/2002

MAGISTRAT:
DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**
(Spettur Jason Agius)
**vs**
**Kenneth Ellul**
**Rene Mifsud**

**Deciza fil-konfront ta' Rene Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Rene' Mifsud ta' 19 il-sena, bin Annetto u Rose nee' Delia, imwieled Pieta, fil-25 ta' Ottubru 1983 u residenti 19, Triq Dun Gwann Cilia, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 539983(M).

Talli fit-30 ta’ Ottubru 2002, f’xi hin bejn l-erba’ neqsin kwart ta’ filghodu u l-erba’ u nofs ta’ filghodu gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, Gudja, ikkommetta serq ta’ flus ghad-dannu tal-kumpanija A.T. Catering Company Limited liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-hin.
U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, f’Malta xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b’kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxihom.
Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.
Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.
Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzat ametta l-akkuzi migjuba kontrih u dan wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni u taghtu zmien jahseb.
Issibu hati.
Rat l-artikoli 261, 268, 270 tal-kap 9 u ssibu hati tar-reati taht dawn l-artikoli u tilliberah mir-reati l-ohra.
Rat ukoll l-artikolu 22 tal-kap 446.
Ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante l-eta ta’ l-akkuzat u l-fedina penali nadifa tieghu.
Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati qed tilliberah taht il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-kap 446, b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin m’illum.
Tordna li jinghataw lura l-flus misjuba mill-Pulizija lil Kumpanija misruqa jigifieri disgha u erbghin lira Maltija (Lm49). L-akkuzat qed ihallas ghaxar liri Maltija (Lm10) lill-istess Kumpanija biex hekk ipaci ghal kollox is-serq imwettaq.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------